IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2014
COM(2014) 656 final

2014/0303 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fil-15 ta' Novembru 2013 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Euratom, mal-Konfederazzjoni Svizzera biex jiġi konkluż Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija.

L-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika huma parti għall-Ftehim.

Għall-konklużjoni tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

– jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

2. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

2014/0303 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Fil-15 ta' Novembru 2013 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, mal-Konfederazzjoni Svizzera sabiex tikkonkludi Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija.

(2) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess.

(3) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) Għalhekk, il-Ftehim għandu jiġi konkluż, ukoll f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat tal-Euratom.

(5) Il-konklużjoni tal-Ftehim mill-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, għandu għalhekk jiġi approvat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Energija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni

[1] ĠU L […], […], p. […].

Svizzera ma' Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta Orizzont 2020; u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet ITER imwettqa minn Fużjoni għall-Enerġija ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(/i) ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(/i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(/i) tal-baġit tan-nefqa affettwati

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet min-naħa ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni msejjaħ "Orizzont 2020" u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-programm Orizzont 2020 u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqin mill-impriża msejħa "Fużjoni għall-Enerġija".

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[2]

Titolu 8: L-istrateġija tal-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-koordinazjoni tad-Direttorati Ġenerali RTD, JRC, AGRI, EAC, CNECT, ENER, ENTR u MOVE.

Titolu 10 – Ir-riċerka diretta (il-JRC)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☑ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[3]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni li huma fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

L-għanijiet huma lassoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-azzjonijiet diretti u indiretti mwettqin fil-kuntest tal-programm Orizzont 2020 u tal-Programm Euratom, ir-regolazzjoni tal-parteċipazzjoni tagħha fl-attivitajiet tal-ITER imwettqin mill-impriża Fużjoni għall-Enerġija, l-iżgurar tar-rappreżentanza istituzzjonali tal-Isvizzera fil-Kumitati u l-korpi rispettivi, u li l-Kummissjoni tirċievi l-kontribut finanzjarju u tekniku Svizzeru għall-implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020, tal-Programm Euratom u tal-attivitajiet tal-ITER. Miżura politika biex tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Euratom u l-Isvizzera fid-dawl tal-importanza tar-riċerka xjentifika u teknoloġika għall-Partijiet u l-implimentazzjoni konġunta kontinwa ta' programmi tar-riċerka ta' interess reċiproku, biex il-Partijiet jikkooperaw u biex jingħata aċċess għall-attivitajiet imwettqin fil-kuntest tal-programm Orizzont 2020, tal-Programm Euratom, tal-ITER u tal-Iżvilupp tal-Fużjoni għall-Enerġija (F4E).

1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/l-attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Għan speċifiku Nru

[2] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività – ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[3] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-attività/L-attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati: L-assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-programm Orizzont 2020 se tippermetti t-tisħiħ tal-eċċellenza fix-xjenza u b'hekk tgħin biex tinbena l-Unjoni tal-Innovazzjoni.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Dan il-Ftehim għandu jippermetti lill-Isvizzera u lill-UE jakkwistaw benefiċċju reċiproku permezz tal-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont 2020. L-UE se tibbenefika mill-kapaċità eċċellenti tal-Isvizzera fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u mil-laboratorji u l-istituti tagħha fl-oqsma tal-fissjoni u l-fużjoni, li jagħmluha sieħeb eċċellenti għall-attivitajiet tar-riċerka tal-Euratom.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva

- l-għadd ta' proposti/ta' applikanti Svizzeri meta mqabbel mal-għadd ta' proposti/ta' applikanti miżmuma għall-finanzjament fil-kuntest tal-Programmi koperti minn dan il-Ftehim;

- l-għadd ta' entitajiet Svizzeri li jiksbu finanzjament u s-sehem ta' dak il-finanzjament fil-Programmi koperti mill-Ftehim meta mqabbel mal-parteċipazzjoni relattiva tal-Isvizzera fil-Programmi u l-għadd ta' ftehimiet tal-għotja u ta' kuntratti ffirmati li jinvolvu msieħba Svizzeri;

- il-kontribuzzjoni tal-Isvizzera sabiex l-Unjoni tal-Innovazzjoni ssir realtà.

1.5. - Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda twila jew qasira taż-żmien

L-Artikoli 186 u 218(6) u (8) tat-TFUE u l-Artikolu 101 tat-Trattat Euratom.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-Isvizzera tħallas kontribuzzjoni finanzjarja għall-parteċipazzjoni tagħha li tiżdied mal-baġit tal-UE. Minn fost il-Pajjiżi kollha Assoċjati mal-FP7, hija kienet l-akbar kontributur finanzjarju. Hija wkoll sieħba attiva fl-inizjattivi tal-Artikoli 185 u 187.

1.5.3. Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat

L-Isvizzera ilha assoċjata mal-Programmi Qafas għall-Iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku mill-2004 'l hawn u ilha tipparteċipa fihom mill-1987. Hija l-uniku pajjiż terz assoċjat mal Euratom u mal-ITER (mill-1979 'l hawn). Bħala medja, ir-rata ta' suċċess tal-parteċipanti Svizzeri hija ħafna ogħla minn dik tal-parteċipanti mill-Istati Membri tal-UE.

1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Il-programm Orizzont 2020 huwa kompatibbli ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni u jikkumplimenta l-parteċipazzjoni fil-programmi COSME u GALILEO, u dan jippermetti sinerġija fil-finanzjament u valorizzazzjoni aħjar tal-assoċjazzjoni mal-programm Orizzont 2020.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☑ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[15/09/2014] sal-[31/12/2020] għall-programm Orizzont 2020

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[15/09/2014] sal-[31/12/2018] għall-Programm Euratom

– ☑ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[15/09/2014] sal-[31/12/2020] għar-Regolament dwar il-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet tal-ITER

– ☑ Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS,

– u warajh tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu(/i) ta' ġestjoni previst(i)[4]

Għall-bażit tal-2014

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha li jinsab fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☑ mill-aġenziji eżekuttivi; ☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ il-korpi tal-liġi pubblika;

– ☒ il-korpi stabbiliti mill-Komunitajiet;

– ☐ il-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ il-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti aktar dettalji dwar dan fit-taqsima msejħa "Kummenti".*

Kummenti

Il-ġestjoni se ssir permezz tas-servizzi tal-Kummissjoni u permezz tal-impriża Fużjoni għall-Enerġija (F4E) għall-attivitajiet tal-ITER. Il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Euratom fil-korpi tat-tmexxija kemm tal-Organizzazzjoni tal-ITER kif ukoll tal-F4E.

[4] Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq il-websajt tal-bażit (BudgWeb) li ġej: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

Il-Kummissjoni se tevalwa b'mod regolari l-azzjonijiet kollha mwettqin skont il-Ftehim, u se timmonitorja l-implimentazzjoni tiegħu fil-Kumitat għar-Riċerka bejn l-Isvizzera u l-Komunitajiet, stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Qafas. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

L-ebda riskju ma ġie identifikat.

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern stabbilita

L-Anness B tal-Ftehim jispeċifika r-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għall-programm Orizzont 2020, għall-programm tal-Euratom u għall-attivitajiet tal-impriża F4E (l-attivitajiet tal-ITER).

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell tar-riskju tal-iżball mistenni

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

Dawn il-miżuri huma stabbiliti fl-Anness C tal-Ftehim, jiġifieri: - Awditi: il-ftehimiet tal-għotja u/jew il-kuntratti konklużi mal-parteċipanti fil-programm stabbilit fl-Isvizzera jistgħu jipprevedu awditjar xjentifiku, finanzjarju jew teknoloġiku jew awditjar ieħor li l-aġenti tal-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri jew persuni oħra li jkunu ngħataw mandat mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu f'kull ħin fil-bini tal-parteċipanti u tas-sottokuntratturi tagħhom, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[5], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010[6] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002[7], kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007[8] u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[9] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsillu r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012[10] u mar-regoli l-oħra msemmija f'dan il-Ftehim. L-awditi jistgħu jsiru wara li jiskadu l-programm Orizzont 2020 (li jdum għaddej mill-2014 sal-2020) u l-Programm tal-Euratom, li jdum għaddej mill-2014 sal-2018, skont it-termini stipulati fil-ftehimiet tal-għotja u/jew fil-kuntratti kkonċernati. - Verifiki u spezzjonijiet fuq il-post: Fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, il-Kummissjoni (l-OLAF) għandha tkun awtorizzata twettaq verifiki u spezzjonijiet fuq

5 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
6 ĠU L 311, 26.11.2010, p. 9.
7 ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
8 ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13.
9 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
10 ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

il-post fit-territorju Svizzeru, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96[11] u fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013[12] .

- Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi: Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Svizzera, il-Kummissjoni tista' timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattiviskont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95[13] dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea.

- Huma previsti miżuri ta' rkupru, li huma eżekwibbli fl-Isvizzera.

[11] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[12] ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.
[13] ĠU L312, 23.12.1995, p.1.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(/i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(/i) tal-baġit tan-nefqa affettwati

- Linji tal-baġit eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru […][Intestatura .....….…….…]	Diff./Mhux diff. (14)	mill-pajjiżi tal-EFTA[15]	mill-pajjiżi kandidati[16]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	**08 01** Nefqa amministrattiva fuq ir-Riċerka **08 01 05 01** Nefqa relatata mal-Persunal li jwettaq ir-Riċerka **08 01 05 03** Nefqa amministrattiva oħra għar-Riċerka	Mhux diff.	IVA	IVA	IVA	IVA

- Linji tal-baġit ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru […][Intestatura .....….…….…]	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[…][XX.YY.YY.YY]		IVA/LE 0	IVA/LE 0	IVA/LE 0	IVA/LE

14 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

15 L-EFTA: l-Assoċazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

16 Il-pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din il-parti trid timtela billi tintuża **l-ispreadsheet dwar id-dejta tal-bażit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument mehmuż ma' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u għandha tittella' fis-sit ta' CISNET għal raġunijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1a	Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi

DĠ: **Riċerka u innovazzjoni**			**2014**[17]	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**AMMONT TOTALI**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja tal-bażit	Impenji	(1)								
	Pagamenti	(2)								
Numru tal-linja tal-bażit	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi[18]										
08 01 05			0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**
08 01 05 01			0.064	0.218	0.218	0.218	0.218	0.218	0.218	**1.372**
08 01 05 03			0.004	0.014	0.014	0.014	0.014	0.014	0.014	**0.088**
Numru tal-linja tal-bażit	08 01 05	(3)	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet	Impenji	=1+1a +3	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**

17 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda tiġi implimentata l-proposta/l-inizjattiva.

18 Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

għad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni	Pagamenti	=2+2a +3	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi		(6)	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA <….> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**
	Pagamenti	=5+ 6	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa aktar minn intestatura waħda:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi		(6)	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji		0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**
	Pagamenti		0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi kemm idum għaddej l-impatt (ara l-punt 1.6)			**AMMONT TOTALI**
DĠ: Riċerka u innovazzjoni									
• Riżorsi umani									
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL TAD-DĠ <….>	Approprjazzjonijiet								

TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0.009	0.032	0.032	0.032	0.032	0.032	0.032	**0.201**

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2014[19]	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**AMMONT TOTALI**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.077	0.264	0.264	0.264	0.264	0.264	0.264	**1.661**
	Pagamenti	0.077	0.264	0.264	0.264	0.264	0.264	0.264	**1.661**

[19] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda tiġi implimentata l-proposta/l-inizjattiva.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi kemm idum għaddej l-impatt (ara l-punt 1.6)						**AMMONT TOTALI**	
	RIŻULTATI																	
	Tip[20]	Spiża medja	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Nru	Spiża	Numru totali	Spiża totali
L-GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[21] ...																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
L-GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
SPIŻA TOTALI																		

[20] Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[21] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	2014[22]	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**AMMONT TOTALI**
L-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.009	0.032	0.032	0.032	0.032	0.032	0.032	**0.201**
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Approprjazzjonijiet li jaqgħu barra l-INTESTATURA 5[23] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani	0.064	0.218	0.218	0.218	0.218	0.218	0.218	**1.372**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.004	0.014	0.014	0.014	0.014	0.014	0.014	**0.088**
Subtotal tal-approprjazzjonijiet li jaqgħu barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.068	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	0.232	**1.460**

AMMONT TOTALI	**0.077**	**0.264**	**0.264**	**0.264**	**0.264**	**0.264**	**0.264**	**1.661**

L-approprjazzjonijiet tar-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà tqassmu mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

[22] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda tiġi implimentata l-proposta/l-inizjattiva.

[23] Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), ir-riċerka indiretta u r-riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tingħata f’unitajiet li huma ekwivalenti għall-full-time

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
• Karigi previsti fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)								
XX 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni)								
XX 01 01 02 (fid-delegazzjonijiet)								
08 01 05 01 (għar-riċerka indiretta)		0.6	2	2	2	2	2	2
10 01 05 01 (għar-riċerka diretta)								
• Il-persunal estern (f'unità ekwivalenti għall-full-time - FTE)[24]								
XX 01 02 01 (AK, ENS, INT mill-"pakkett globali")								
XX 01 02 02 (AK, AL, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 04 yy[25]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-delegazzjonijiet							

[24] AK = aġent kuntrattwali; AL = aġent lokali; ENS = espert nazzjonali ssekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED = espert żgħir fid-delegazzjonijiet.

[25] Is-sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu l-linji "BA").

	i e t							
XX 01 05 02 (AK, ENS, INT - għar-riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (AK, INT, ENS - għar-riċerka diretta)								
Linji tal-baġit oħrajn (speċifika liema)								
AMMONT TOTALI								

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-persunal tad-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġie spustat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Preparazzjoni u ġestjoni tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt previsti u ta' diversi missjonijiet bil-għan li jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim, kif ukoll ir-reviżjoni regolari u s-segwitu tiegħu.
Persunal estern	

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[26].

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet min-naħa ta' partijiet terzi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Ammont totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ikkofinanzjati	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm

[26] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali (għall-perjodu mill-2007 sal-2013).

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☑ fuq id-dħul mixxellanju

f'miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)*

Linja tad-dħul tal-baġit:	Approprjazzjoni jiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[27]						
		2014	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**
6013 - Il-programm Orizzont 2020		34.503	114.251	120.164	408.023	431.961	461.596	504.525
		1.838	4.916	6.566	6.735	6.902	7.636	8.125
- Il-fissjoni + il-JRC		4.452	4.754	5.118	5.839	6.214	6.125	6.518
- Il-fużjoni		26.670	32.234	11.930	11.843	10.835	9.824	4.924
- L-attivitajiet tal-ITER								

**** L-ammonti għall-2014 sal-2020 huma f'miljuni ta' Euro u għandhom jitqiesu bħala ċifri indikattivi. Il-kontribuzzjoni li se tintalab finalment se tqis il-korrezzjonijiet li jkunu saru matul is-sena ta' qabel.***

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i.

Mill-2014 sal-2016

Il-linji tal-baġit tal-Pilastru I u tal-għan imsejjaħ "It-Tixrid tal-Eċċellenza u t-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni": 08.02 50 01, 09.04 50 01, 15.03 50 01 u 08 03 50 01, 08 04 50 01 u 10 03 50 01.

Mill-2017 'il quddiem

Il-linji tal-baġit: 02 04 50 01, 05 09 50 01, 06 03 50 01, 08 02 50 01, 09 04 50 01, 10.02 50 01, 15.03 50 01 u 32.04 50 01 u l-approprjazzjonijiet li jkunu ġejjin mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi terzi (jiġifieri ta' pajjiżi li ma jiffurmawx parti miż-Żona Ekonomika Ewropea) għall-programm Orizzont 2020.

Il-linji tal-baġit 08 03 50 01, 08 04 50 01 u 10 03 50 01 - L-approprjazzjonijiet li jkunu ġejjin mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi terzi (li ma jiffurmawx parti miż-Żona Ekonomika Ewropea) għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera hija kkalkulata kif ġej:

Għall-2014, il-kalkolu ġie bbażat fuq il-PDG tal-Isvizzera fl-2012, kif ġej:

- għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-ewwel pilastru tal-programm Orizzont 2020 u fl-azzjonijiet imwettqin fil-kuntest tal-għan imsejjaħ "It-Tixrid tal-Eċċellenza u t-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni", kif ukoll fil-Programm Qafas tal-Euratom (ħlief għall-parti tal-fużjoni), 7/24 *pro rata*, **(il-PDG tal-Isvizzera (fl-2012)/il-PDG tal-UE-28);**

[27] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqas 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.

- għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet tal-ITER u fil-parti tal-fużjoni tal-programm Euratom, 12/12, = **(il-PDG tal-Isvizzera (fl-2012)/il-PDG tal-UE-28 + il-PDG tal-Isvizzera).**

Għall-2015 sal-2020:

- għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-ewwel pilastru tal-programm Orizzont 2020 u fl-azzjonijiet imwettqin fil-kuntest tal-għan imsejjaħ "It-Tixrid tal-Eċċellenza u t-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni", kif ukoll fil-Programm Qafas tal-Euratom (ħlief għall-parti tal-fużjoni) = **il-PDG tal-Isvizzera (fl-2013)/il-PDG tal-UE-28** imnaqqas bil-parti tas-sejħiet għall-proposti mill-bażit tal-2015 li jagħlqu qabel il-15/09/2014;

- għall-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fl-attivitajiet tal-ITER, kif ukoll fil-parti tal-fużjoni tal-Programm Qafas tal-Euratom, = **il-PDG tal-Isvizzera (fl-2013)/il-PDG tal-UE-28 + il-PDG tal-Isvizzera.**